DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI

DIPARTIMENT TELATIKU B: POLITIKI STRUTTURALI U TA' KOEŻJONI

KULTURA U EDUKAZZJONI

# RIĊERKA GĦALL-KUMITAT CULT – IL-LINGWI MINORITARJI U L-EDUKAZZJONI: L-AĦJAR PRATTIKI U L-PROBLEMI

## SOMMARJU EŻEKUTTIV


**Kontenut**

Dan ir-rapport jagħti analiżi komparattiva fil-fond ta' tlettax-il studju tal-każ dwar il-lingwa sabiex jinkiseb għarfien tas-sitwazzjoni tal-lingwi minoritarji fl-edukazzjoni fl-Ewropa. Fih hemm deskritti indikazzjonijiet dwar l-aħjar prattiki filwaqt li huma enfasizzati l-isfidi li jiffaċċjaw il-lingwi minoritarji fl-edukazzjoni. Tingħata attenzjoni speċifika lill-edukazzjoni vokazzjonali u l-prospettivi tal-karriera. Fl-aħħar nett, dan ir-rapport jagħti rakkomandazzjonijiet dwar kif l-UE tista' tappoġġa l-lingwi minoritarji fl-edukazzjoni.



IP/B/CULT/IC/2016-073 Frar 2017

PE 585.915 MT

Dan id-dokument ġie mitlub mill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal Parlament Ewropew.

## AWTURI

Rixt VAN DONGERA, MA, Ċentru tar-Riċerka Ewropea Mercator
Drs. Cor VAN DER MEER, Ċentru tar-Riċerka Ewropea Mercator
Richt STERK, MA, Ċentru tar-Riċerka Ewropea Mercator

***Ħajr***
*L-awturi jixtiequ jirringrazzjaw lil Ramziè Krol-Hage, MA, Jorrit Huizinga, MA, u Marlous Visser, MA, għall-għajnuna tagħhom u għall-kummenti siewja matul l-istudju kollu. Barra minn hekk, matul il-proġett ġew intervistati diversi esperti u nixtiequ nirringrazzjawhom tal-ideat u l-kontribuzzjonijiet siewja tagħhom.*

## AMMINISTRATUR RESPONSABBLI GĦAD-DIPARIMENT TEMATIKUAmministratut

Amministratur għar-riċerka parlamentari Michaela FRANKE
Assistenza għall-proġett u għall-pubblikazzjoni: Virginija KELMELYTE
Dipartiment Telatiku B: Politiki Strutturali u ta’ Koeżjoni
Parlament Ewropew
B-1047 Brussell
Posta elettronika: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

## VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI

Oriġinal: EN

## DWAR IL-PUBBLIKATUR

Biex tikkuntattja lid-Dipartiment Tematiku jew biex tabbona fil-bullettin tiegħu, jekk jogħġbok ikteb lil: Poldep-cohesion@ep.europa.eu

Il-manuskritt tlesta fi Frar 2017.
© Unjoni Ewropea, 2017

Dan id-dokument huwa disponibbli fuq l-internet fl-indirizz:
http://www.europarl.europa.eu/supporting-analyses

## DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ

L-opinjonijiet espressi f'dan id-dokument huma r-responsabbiltà biss tal-awtur u mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal raġunijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, dment li s-sors jiġi rikonoxxut u l-pubblikatur ikun mgħarraf minn qabel u mibgħut kopja.

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

## Sejbiet Prinċipali

Abbażi ta' reviżjoni tal-leġiżlazzjoni, proġetti u letteratura rilevanti, flimkien ma’ analiżi komparattiva fil-fond ta’ tlettax-il studji tal-każ, dan ir-rapport jelenka għadd ta’ sejbiet ewlenin li huma essenzjali għall-fehim sħiħ tal-aħjar prattiki u l-problemi dwar lingwi reġjonali u minoritarji fl-edukazzjoni. L-aktar sejbiet sinifikanti huma elenkati hawn taħt:

- M’hemmx l-aħjar prattika tajba għal kulħadd li hija adatta għall-minoranzi kollha.
- Meta jirrikonoxxi lingwa bħala lingwa kouffiċjali jew uffiċjali nazzjonali, Stat jimpenja ruħu li jieħu miżuri konkreti sabiex jipproteġi u jippromwovi din il-lingwa.
- Huwa l-istat nazzjon li jeħtieġ li jimplimenta l-miżuri meħtieġa li jkun ftiehem dwarhom.
- L-appoġġ istituzzjonali u l-ippjanar lingwistiku huma ta’ importanza fundamentali għall-edukazzjoni tal-minoranzi.
- Problema rikonoxxuta b’mod mifrux fir-rigward tal-edukazzjoni fil-lingwi minoritarji li jeħtieġ li tiġi indirizzata hija d-disponibbiltà ta’ materjal tat-tagħlim ta’ kwalità għolja u ta’ għalliema ta’ lingwi minoritarji kompetenti.

L-aktar sfida mifruxa u komunament rikonoxxuta għat-tagħlim tal-lingwi tal-minoranzi hija d-disponibbiltà ta’ materjal ta’ tagħlim ta’ kwalità għolja u l-ħiliet tal-għalliema tal-lingwi minoritarji. Għalkemm m’hemmx soluzzjoni waħda li hija tajba għal kulħadd għall-isfidi li jiffaċċjaw il-minoranzi, dan ir-rapport jagħti għadd ta’ rakkomandazzjonijiet ġenerali għall-iżvilupp ulterjuri u l-promozzjoni tal-lingwi minoritarji.

Għandu jiġi nnutat li r-responsabbiltà ewlenija għall-implimentazzjoni ta’ miżuri essenzjali biex tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni tal-lingwi tal-minoranza hija tal-istat nazzjon. Stat-nazzjon jista’ jimpenja ruħu għall-promozzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-lingwi minoritarji tiegħu billi jirrikonoxxi l-lingwa/i bħala lingwa/i uffiċjali jew kouffiċjali tal-istat jew/u billi jirratifika l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji (ECRML) għall-lingwa/i rispettiva/i. L-elementi ewlenin ta' appoġġ li stat nazzjon jista' jagħti huma fuq kollox l-appoġġ istituzzjonali u l-ippjanar lingwistiku.

## Rakkomandazzjonijiet

Ir-rakkomandazzjonijiet li jistgħu jinsiltu mill-analiżi komparattiva tal-istudji tal-każ (Anness 2) huma ffukati fuq firxa wiesgħa ta’ kwistjonijiet. Abbażi tar-reviżjoni fil-Kapitolu 1 ta’ dan ir-rapport, kif ukoll l-analiżi mwettqa fil-Kapitolu 2, dan ir-rapport jagħti r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin għall-Unjoni Ewropea u għall-Istati Membri tagħha:

- Li jmantnu u jippromwovu programmi ffukati fuq l-iskambju ta’ esperjenzi u l-aħjar prattiki dwar il-lingwi reġjonali u minoritarji fl-Ewropa;
- Li jippromwovu riċerka fl-UE kollha dwar l-edukazzjoni, it-tagħlim tal-lingwi u mudelli ta' istruzzjoni f’kuntest multilingwi;
- Li jistimulaw l-iżvilupp ta’ materjal tat-tagħlim ta’ kwalità f’lingwi minoritarji għall-livelli edukattivi kollha;
- Li jippromwovu relazzjonijiet stabbli bejn il-pajjiżi, speċjalment fir-reġjuni mal-fruntieri fejn iż-żewġ lingwi huma mitkellma;
- Li jiżviluppaw sistema ta' rikonoxximent internazzjonali li tistimula lill-għalliema biex isiru kompetenti fit-tagħlim fi klassi multilingwi;
- Li jqajmu kuxjenza dwar il-multilingwiżmu fl-Ewropa kollha;
- Li jistimulaw lill-Istati Membri jirratifikaw l-oqfsa leġiżlattivi għal għarfien xieraq tal-lingwa legali;

- Li jimplimentaw l-ippjanar lingwistiku bħala kwistjoni ewlenija fit-tul tal-politiki tal-istat;
- Li jisimtulaw lill-Istati Membri biex jipprovdu tagħlim kontinwu tal-lingwi minoritarji, mill-edukazzjoni ta' qabel il-primarja sal-edukazzjoni terzjarja.

Il-bażi għal dawn il-proposti u deskrizzjoni aktar dettaljata u spjegattiva tar-rakkomandazzjonijiet jinsabu f'Kapitolu 3.

## Sfond

Hemm bosta lingwi minoritarji fl-Ewropa, u kull waħda minnhom tħabbat wiċċha ma' ċirkustanzi differenti fil-livell reġjonali jew tal-istat nazzjon. M'hemmx definizzjonijiet fissi tal-kunċetti ta' "minoranza" u ta' lingwi "minoritarji". Għal dan ir-rapport, l-għażla kienet li tiġi segwita d-definizzjoni użata fl-ECRML, u li jsir fokus biss fuq il-lingwi użati tradizzjonalment f'territorju partikolari ta' stat miċ-ċittadini ta' dak l-istat. Fil-prattika, dan ifisser li l-lingwi użati minn gruppi li emigraw lejn jew fl-Ewropa f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin ma jitqisux.

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-kwistjonijiet tal-lingwi minoritarji fl-edukazzjoni jridu jiġu indirizzati fuq livell nazzjonali u xi drabi anki fil-livell reġjonali. Madankollu, l-influwenza internazzjonali u b'mod aktar speċifiku l-influwenza Ewropea dwar dawn il-kwistjonijiet m'għandhomx jiġu injorati. Għadd kbir ta' pajjiżi fil-kontinent Ewropew iffirmaw u rratifikaw l-ECRML u l-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali (FCNM), li tirrikjedi li dawn il-pajjiżi jieħdu miżuri rilevanti biex iħarsu u jiżviluppaw is-sitwazzjoni tal-minoranzi nazzjonali u tal-lingwi tagħhom. It-tnejn huma strumenti legalment vinkolanti mill-Kunsill tal-Ewropa u speċjalment l-ECRML tiffoka b'mod speċifiku ħafna fuq id-drittijiet li l-lingwi minoritarji jistgħu jinvokaw skont il-Karta fir-rigward tal-edukazzjoni. L-influwenza tal-ECRML u tal-FCNM, tal-karti rilevanti tal-UE bħalma huma l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea tista' tagħti billi, pereżempju, tagħti bidu għal riċerka jew proġetti li jistimulaw il-kooperazzjoni bejn oqsma multipli tal-lingwi minoritarji, hija tassew rilevanti meta jiġu diskussi l-lingwi minoritarji fl-edukazzjoni.

L-għan ewlieni ta' dan il-proġett ta' riċerka huwa li tingħata stampa ċara tas-sitwazzjoni ta' tlettax-il lingwa minoritarja Ewropea, partikolarment fir-rigward tar-rwol li jaqdu l-lingwi minoritarji fl-edukazzjoni. Ir-rapport fih ukoll kapitolu dwar kwistjonijiet fl-isfond, inkluża d-definizzjoni użata ta' lingwi minoritarji, deskrizzjoni tal-ftehimiet internazzjonali rilevanti u tal-iżviluppi fil-livell tal-UE. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li qafas estensiv għall-ħarsien u l-promozzjoni tal-lingwi reġjonali diġà jeżisti.

It-tlettax-il każ qed jitqabblu fuq il-bażi tal-"aħjar prattiki" u l-"sfidi" tagħhom. Għalkemm kull reġjun għandu s-sitwazzjoni lingwistika speċifika tiegħu, hemm ħafna li jista' jinkiseb mill-iskambju tal-aħjar prattiki, u hemm ħafna x'wieħed jitgħallem mill-isfidi ta' xulxin. L-irwol li l-UE jista' jkollha f'dan ir-rigward huwa meqjus ukoll.

## Metodoloġija

Il-metodoloġija użata għal dan l-istudju kienet tinkludi l-kitba ta' studji tal-każ komprensivi għal-lingwi kollha magħżula. L-informazzjoni nġabret l-aktar mis-sensiela *Regional Dossiers* taċ-Ċentru tar-Riċerka Mercator, u kienet ikkumplementata b'intervisti ma' esperti minn diversi reġjuni Ewropej (Anness 1). Dawn l-intervisti kkompletaw il-ħarsa ġenerali ta' dan ir-rapport ta' studji tal-każ u wasslu għall-kisba ta' informazzjoni aktar dettaljata dwar, pereżempju, sitwazzjonijiet speċifiċi tal-lingwa u żviluppi fil-karriera. Sabiex jingħata qafas komprensiv li fih dan ir-rapport u r-riżultati tiegħu jistgħu jitqiegħdu, twettaq eżami estensiv tal-leġiżlazzjoni, tal-letteratura u tal-proġetti Ewropej rilevanti.